MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Numru 264/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**MARIANO PIRRONE**
**JOSEPH MUSCAT u**
**MARIA-CLAUDETTE CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom (1) Mariano Pirrone, 30 sena, iben Virgilio u Anna Maria nee' Busuttil, imwieled Attard fl-24 ta' Awissu, 1977 u li joqghod Flat 16, Norfolk, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Salina, limiti tan-Naxxar, detentur ta' karta ta' l-identita' nru 427677M;

(2) Joseph Muscat, 24 sena, iben Raymond u Rosalie nee' Baldacchino, imwieled Pieta fil-21 ta' Awissu, 1983 u li joqghod Flat 2, Marlen, St. Andrew's Court, Triq Wied il-Knejjes, Luqa, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 420883M;

(3) Maria-Claudette Camilleri, 29 sena, bint Anthony Camilleri u Catherine nee' Busuttil, imwielda Pieta fid-9 ta' Mejju, 1978 u li toqghod nru. 88, Triq Censu Dimech, Zurrieq, detentrici ta' karta ta' l-identita' nru. 243078M

U gew akkuzati talli fit-28 ta' Marzu, 2008, ghall-habta tas-2p.m., u/jew fil-jiem ta' qabel, f'Hal Qormi u/jew fi bnadi ohra ta' Malta:

<u>1.</u> assocjaw rwiehom flimkien, kif ukoll ma persuna/i ohra, bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta, u cioe' serqa aggravata (*hold-up)* u sekwestru ta' persuna/i fl-istabbiliment Gold Play fi Triq il-Kardinal Xiberras, Qormi, ghal-liema delitt hemm piena ta' prigunerija;

<u>2.</u> bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-valur, li ma jeccedix elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmi (Euro 2329.37) u bil-vjolenza;

<u>3.</u> aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, arma tan-nar, u cioe' pistola tal-marka Phoenix Arms, mudell Raven .25 Auto, nrumru tas-serje 3033926, u munizzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att Dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellhom licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi;

<u>4.</u> Fl-ahharnett, akkuzati wkoll talli rrendew rwiehom recedivi ai termini tal-Arikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huma ga gew misjuba hatja b'

sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 11 ta’ Dicembru, 2008 liema Nota tinsab a fol. 165 tal-Process u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca, b’referenza ghar-raba’ (4) akkuza migjuba konta l-imputati kollha, liema akkuza tirrigwarda r-recidiva, iddikjara li nkwantu ghall-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat jirrizulta li tali akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u konsegwentement talab li l-Qorti ghandha tillibera lill-imsemmija zewg imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat minn din ir-raba’ (4) akkuza li tirrigwarda ir-recidiva.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat iddikjaraw li huma hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba’ (4) akkuza li tirrigwarda ir-recidiva.

Il-Qorti wissiet lill-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba’ (4) akkuza li tirrigwarda ir-recidiva.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata Maria-Claudette Camilleri iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata Maria-Claudette Camilleri bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata Maria-Claudette Camilleri wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca u Dr Jose' Herrera ghall-imputata Maria-Claudette Camilleri iddikjaraw li jaqblu li rigward ir-reati mertu ta' din il-kawza il-partecipazzjoni tal-imputata Maria-Claudette Camilleri kienet wahda minima u inoltre iddikjaraw li jaqblu li l-istess imputata Maria-Claudette Camilleri ghandha problema ta' abbuz mid-droga.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca, b'referenza ghall-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 11 ta' Dicembru, 2008 u dan fil-konfront tal-imputati kollha, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-konfront tal-imputati kollha.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca iddikjara li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AMB 719 li giet esebita formalment fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok SNG 16 fis-Seduta tal-10 ta' April, 2008 ma tappartjeniex lill-imputati izda tappartjeni lil terzi u konsegwentement mhijiex konfiskabbli.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat l-artikoli 18, 48A, 41, 261(c), 267, 279, 280, 281, 17, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 3, 4, 5, 23, 24, 25, 32,

35(3), 51, 52, 54, 55, 56, 57, 58, 60, 61 u l-iskeda I-III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ir-raba’ (4) akkuza li tirrigwarda ir-ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija kull wiehed u elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward ir-raba’ (4) akkuza li tirrigwarda r-recidiva nkwantu ghall-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat ma ssibx lill-imsemmija zewg imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat hatja ta’ din l-imsemmija raba’ (4) akkuza stante li ma’ tirrizultax sodisfacentement ippruvata u minnha tilliberahom.

Rat fil-konfront tal-imputata Maria-Claudette Camilleri l-artikoli 18, 48A, 41, 261(c), 267, 279, 280, 281, 49, 50, 289, 17, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 3, 4, 5, 23, 24, 25, 32, 35(3), 51, 52, 54, 55, 56, 57, 58, 60, 61 u l-iskeda I-III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Maria-Claudette Camilleri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca u Dr Jose’ Herrera ghall-imputata Maria-Claudette Camilleri iddikjaraw li jaqblu li rigward ir-reati mertu ta’ din il-kawza il-partecipazzjoni tal-imputata Maria-Claudette Camilleri kienet wahda minima u inoltre iddikjaraw li jaqblu li l-istess imputata Maria-Claudette Camilleri ghandha problema ta’ abbuz mid-droga, nkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputata Maria-Claudette Camilleri tiddeciedi ai termini tal-artikolu

7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata Maria-Claudette Camilleri taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imputata Maria-Claudette Camilleri tkun assistita biex telgheb l-abbuz mid-droga u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputata Maria-Claudette Camilleri ghall-piena ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order rigward l-imputata Maria-Claudette Camilleri jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna in-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Maria-Claudette Camilleri.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Maria-Claudette Camilleri kull sitt (6) xhur.

Rigward l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 11 ta' Dicembru, 2008 u dan fil-konfront tal-imputati kollha, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta u dan fil-konfront tal-imputati kollha.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti u rispettivament immarkati f'din il-kawza bhala Dok SNG 9 u Dok SNG 10.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Mariano Pirrone u Joseph Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeda taghti lill-imputata Maria-Claudette Camilleri l-ispjegazzjoni

preskritta fis-subartikolu 7(7)tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------